REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/2295

tal-4 ta' Settembru 2017

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 443 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) ħarġet linji gwida dwar id-divulgazzjoni ta' assi gravati u assi mhux gravati fis-27 ta' Ġunju 2014 (minn hawn 'il quddiem "il-Linji Gwida tad-Divulgazzjoni tal-EBA" ([2])). It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jipprevedi li l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika d-divulgazzjoni tal-valur tal-karta tal-bilanċ għal kull skopertura mqassmin skont il-kwalità tal-assi u l-ammont totali tal-valur tal-karta tal-bilanċ li mhux gravat, b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2 tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ("Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2") ([3]) u skont il-konsiderazzjoni tal-EBA fir-rapport tagħha li tali divulgazzjoni addizzjonali toffri informazzjoni affidabbli u sinifikanti. Ir-rapport tal-EBA dwar l-aggravar ta' assijiet ([4]) ikkonkluda li d-divulgazzjoni ta' aggravar fl-Unjoni hija importanti peress li tippermetti lill-parteċipanti fis-suq li jifhmu u janalizzaw aħjar il-profili ta' likwidità u ta' solvenza tal-istituzzjonijiet u jqabblu dawn il-profili fl-Istati Membri kollha b'mod ċar u konsistenti. Fuq il-bażi ta' dawn il-konklużjonijiet, l-EBA żviluppat abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex jiġi żgurat approċċ totalment armonizzat għad-divulgazzjoni tal-aggravar ta' assijiet.

(2) Il-Linji Gwida ta' Divulgazzjoni tal-EBA jkopru kemm assi gravati u dawk mhux gravati. Dan huwa minħabba li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jistabbilixxi li r-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2, u b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni D - Trasparenza tas-swieq dwar l-aggravar ta' assijiet ("ir-Rakkomandazzjoni D") tiġi kkunsidrata. Il-punt 1(a) tar-Rakkomandazzjoni D jirrakkomanda d-divulgazzjoni ta' assi gravati u dawk mhux gravati. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jistipula wkoll li r-Rakkomandazzjoni ESRB/2012/2 għandha tittieħed inkunsiderazzjoni fl-iżvilupp tal-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji msemmija f'dak is-subparagrafu. Barra minn hekk, assi gravati għandhom jiġu inklużi f'tali standards biex jiġi żgurat li d-divulgazzjoni obbligatorja toffri informazzjoni affidabbli u sinifikanti. Għalhekk, kemm assi gravati u dawk mhux gravati u għandhom jiġu divulgati.

(3) L-EBA kienet irrakkomandata fir-Rakkomandazzjoni D biex tiżgura li fl-iżvilupp tal-Linji Gwida ta' Divulgazzjoni tal-EBA, li l-livell u l-evoluzzjoni ta' assi gravati għal banek ċentrali, kif ukoll l-ammont ta' assistenza ta' likwidità mogħtija minn banek ċentrali, ma jistgħux jiġu skoperti. Dak il-parir tqies ukoll f'dan ir-Regolament.

(4) Assi gravati jew kollateral riċevut u elementi oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jistgħu jkunu mirhuna biex jassiguraw il-finanzjament. Għalhekk, sabiex tippermetti lill-parteċipanti fis-suq li jifhmu u janalizzaw aħjar il-profili ta' likwidità u ta' solvenza tal-istituzzjonijiet u aċċess għall-informazzjoni dwar assi biex jiġi żgurat finanzjament, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jiddivulgaw l-aggravar tta' assijiet tal-assi kollha fil-karta tal-bilanċ u l-gravami tal-elementi li mhumiex fil-karta tal-bilanċ separatament. Id-divulgazzjoni għandha tkun relatata mat-tipi kollha ta' kollateral riċevut, li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet kollha fi u mhux fil-karta tal-bilanċ indipendentement mill-maturità tagħhom, inklużi l-operazzjonijiet kollha ma' banek ċentrali. Filwaqt li l-assi divulgati bħala

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.
([2]) Linji gwida dwar id-divulgazzjoni tal-assi gravati u mhux gravati (EBA/GL/2014/03).
([3]) ĠU C 119, 25.4.2013, p. 1.
([4]) Ir-Rapport tal-EBA dwar l-interess ta' garanzija tal-assi, Settembru 2015.

assi gravati jinkludu assi gravati bħala riżultat tal-operazzjonijiet kollha ma' kull kontroparti (inklużi l-banek ċentrali), m'hemmx bżonn li jiġi divulgat l-aggravar li jirriżulta minn operazzjonijiet ma' banek ċentrali separatament mill-aggravar li jirriżulta minn operazzjonijiet ma' kontropartijiet oħra. Dan huwa bla ħsara għal-libertà għall-banek ċentrali li jistabbilixxu l-modalitajiet għad-divulgazzjoni ta' assistenza ta' likwidità f'emerġenza.

(5) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi promossa l-komparabbiltà u t-trasparenza, id-dispożizzjonijiet relatati mal-mudelli ta' divulgazzjoni dwar l-aggravar jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-ħtiġijiet tar-rappurtar dwar il-gravami previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([1]). Madankollu, sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati (bħal pereżempju l-abbiltà li jiġi identifikat finanzjament ta' emerġenza mill-bank ċentrali), xi devjazzjonijiet huma meħtieġa. B'mod partikolari, u b'kont meħud tar-Rakkomandazzjoni D, id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar l-ammont ta' assi gravati u mhux gravati jenħtieġ li tkun ibbażata fuq valuri medji aktar milli fuq valuri f'punt ta' żmien partikolari kif meħtieġ fl-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Bl-istess mod, il-livell ta' granularità tal-informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata għal valuri speċifiċi u tranżazzjonijiet jenħtieġ li jkun inqas minn dak tar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 680/2014. Barra minn hekk, peress li l-aggravar ta' assijiet jiddependi ħafna fuq il-profil tar-riskju u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni kkonċernata, id-dejta kwantitattiva jenħtieġ li tkun issupplimentata b'informazzjoni narrattiva.

(6) Ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal assi gravati u mhux gravati u, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni fir-rigward ta' assi trasferiti, assi mirhuna u kollateral li ma jidhirx fil-karta bilanċjali u depożitat, għandhom japplikaw flimkien ma' kwalunkwe rekwiżiti ta' divulgazzjoni skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

(7) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni proporzjonata tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 443 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għal istituzzjonijiet iżgħar li ma jkollhomx livelli materjali ta' aggravar ta' assijiet, informazzjoni dwar il-kwalità ta' assi gravati u mhux gravati m'għandhiex tkun mitluba minn tali istituzzjonijiet iżgħar. L-informazzjoni dwar il-kwalità tal-assi gravati u mhux gravati ("indikaturi tal-kwalità tal-assi") hija bbażata fuq il-karatteristiċi tal-kwalità tal-assi attribwiti għal assi ta' likwidità estremament għolja u ta' kwalità ta' kreditu u assi ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin, kif definiti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 ([2]). Hekk kif ditti tal-investiment li ma jifformawx parti minn grupp bankarju mhumiex koperti b'dak ir-Regolament ta' Delega u, peress li, meta kumpaniji tal-investiment jagħmlu parti minn grupp bankarju, l-informazzjoni rilevanti tiġi divulgata fuq bażi konsolidata, huwa xieraq ukoll li d-ditti ta' investiment ikunu eżenti milli jiddivulgaw informazzjoni dwar il-kwalità ta' assi gravati u mhux gravati, biex jiġu evitati spejjeż sproporzjonati.

(8) Minħabba n-novità tar-rekwiżit li tingħata informazzjoni dwar l-indikaturi tal-kwalità tal-assi, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar id-divulgazzjoni ta' tali indikaturi jenħtieġ li tiġi differita b'sena, biex tippermetti lill-istituzzjonijiet biex jiżviluppaw is-sistemi meħtieġa tal-IT.

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomessi mill-EBA lill-Kummissjoni.

(10) L-EBA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa f'dak li għandu x'jaqsam mal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Rekwiżiti ta' divulgazzjoni għall-istituzzjonijiet kollha

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont ta' assi gravati u mhux gravati skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli skont it-tip ta' assi fil-kolonni C010, C040, C060 u C090, il-Formola A tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

([2]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni tal-kollateral riċevut skont it-tip ta' assi fil-kolonni C010 u C040 tal-Formola B tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-obbligazzjonijiet assoċjati mal-assi gravati u l-kollateral riċevut kif stipulat fil-Formola C tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni narrattiva dwar l-impatt tal-mudell tan-negozju tagħhom fuq il-livell tagħhom ta' aggravar u l-importanza ta' gravami fil-mudell tan-negozju tagħhom kif stipulat fil-Mudell D tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

Artikolu 2

Rekwiżiti ta' divulgazzjoni addizzjonali għal ċerti istituzzjonijiet

1. Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 1, l-istituzzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 għandhom jiddivulgaw:

(a) l-indikaturi tal-kwalità tal-assi skont it-tip ta' assi fil-kolonni C030, C050, C080 u C100, kif stipulat fil-Mudell A tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II;

(b) l-indikaturi tal-kwalità tal-assi skont it-tipi ta' kollateral riċevut u titoli ta' dejn maħruġa, inklużi bonds koperti u titoli ggarantiti b'assi (ABSs) fil-kolonni C030 u C060 kif stipulat fil-Mudell B tal-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet stabbiliti fl-Anness II.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jissodisfaw waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-assi totali tagħhom, ikkalkulati b'konformità mal-paragrafu 10 tal-punt 1.6 tal-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 680/2014, jammonta għal aktar minn EUR 30 biljun;

(b) Il-livell ta' aggravar ta' assijiet, ikkalkulat b'konformità mal-paragrafu 9 tal-punt 1.6 tal-Anness XVII għar-Regolament (UE) Nru 680/2014, huwa aktar minn 15 %.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 2 għandu japplika minn mit-2 ta' Jannar 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Settembru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNESS I

Formoli ta' divulgazzjoni

Formola A: Assi gravati + mhux gravati

Formola A - Assi gravati + mhux gravati

		Ammont riportat ta' assi gravati		Il-valur ġust ta' assi gravati		Ammont riportat ta' assi gravati		Valur ġust ta' assi gravati	
			li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA		li minnhom EHQLA u HQLA
		010	030	040	050	060	080	090	100
010	**Assi tal-istituzzjoni li tirrapporta**								
030	Strumenti ta' ekwità								
040	Titoli ta' dejn								
050	li minnhom: bonds koperti								
060	li minnhom: titoli garantiti b'assi								
070	li minnhom: maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi								
080	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji								
090	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji								
120	Assi oħrajn								
121	li minnhom: …								

Formola B — Kollateral irċevut

		Valur ġust ta' kollateral gravat irċevut jew titoli tad-dejn proprji maħruġa		Mhux gravati	
				Valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa disponibbli għal gravami	
			li minnhom EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli		li minnhom EHQLA u HQLA
		010	030	040	060
130	**Kollateral irċevut mill-istituzzjoni li tirrapporta**				
140	Self fuq talba				
150	Strumenti ta' ekwità				
160	Titoli ta' dejn				
170	li minnhom: bonds koperti				
180	li minnhom: titoli garantiti b'assi				
190	li minnhom: maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi				
200	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji				
210	li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji				
220	Self u ħlas bil-quddiem li ma jkunx self fuq talba				
230	Kollateral irċevut ieħor				
231	li minnhom: …				
240	**Titoli ta' dejn proprji maħruġin għajr bonds proprji koperti jew titoli garantiti b'assi**				
241	**Bonds proprji koperti u titoli ggarantiti b'assi maħruġa u għadhom mhux mirhuna**				
250	**ASSI TOTALI, KOLLATERAL RIĊEVUT U TITOLI TA' DEJN PROPRJI MAĦRUĠA**				

Formola C: Sorsi ta' gravami

Formola C — Sorsi ta' gravami

		Obbligazzjonijiet imqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa	Assi, kollateral irċevut u proprju titoli ta' dejn maħruġa għajr bonds koperti u ABSs gravati
		010	030
010	**Ammont riportat ta' xi obbligazzjonijiet finanzjarji**		
011	li minnhom: …		

Formola D: Informazzjoni narrattiva ta' akkumpanjament

Formola D — Informazzjoni narrattiva ta' akkumpanjament

Informazzjoni narrattiva dwar l-impatt tal-mudell tan-negozju fuq assi gravati u l-importanza ta' gravami għall-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni, li jipprovdi lill-utenti l-kuntest għad-divulgazzjonijiet meħtieġa fil-Formola A sa C.

ANNESS II

Struzzjonijiet għall-mili tal-formoli tad-divulgazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-entrati msemmija fit-Tabelli 1 sa 7 bl-istess mod kif irrappurtat skont l-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014, sakemm ma jkunx previst mod ieħor b'mod speċifiku f'dawk it-tabelli.

   L-entrati msemmija fil-punt 1 għandhom jiġu divulgati bl-użu ta' valuri medji. Valuri medji għandhom ikunu medji kontinwi ta' kull tliet xhur matul it-tnax-il xahar preċedenti u għandhom jiġu ddeterminati permezz ta' interpolazzjoni.

   Meta d-divulgazzjonijiet iseħħu fuq bażi konsolidata, il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni se jkun il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni prudenzjali kif definit fl-Ewwel Parti, Titolu II, Kapitolu 2, Taqsima 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Formola A - Assi gravati u mhux gravati

Tabella 1: Struzzjonijiet rigward ringieli speċifiċi tal-Formola A

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
010	**L-assi tal-istituzzjoni tar-rappurtar [Standards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 1.9 (a), Gwida għall-Implimentazzjoni (IG) 6]** Assi totali tal-istituzzjoni rreġistrata fil-karta bilanċjali tagħha, bl-eċċezzjoni ta' titoli ta' dejn proprji u strumenti ta' ekwità proprji meta l-istandards ta' kontabbiltà applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali. Il-valur iddivulgat f'din ir-ringiela jkun il-medjan tas-somom ta' erba' valuri fi tmiem kull tliet xhur matul it-tnax-il xahar preċedenti għar-ringieli 030, 040 u 120.
030	**Strumenti ta' ekwità** Il-valuri medjani mill-entrata "Strumenti ta' ekwità" kif irrappurtati fir-ringiela 030 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti proprji ta' ekwità meta l-istandards ta' kontabbiltà applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali.
040	**Titoli ta' dejn** Il-valuri medjani mill-entrata "Titoli ta' dejn" kif irrappurtati fir-ringiela 040 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, bl-eċċezzjoni tat-titoli ta' dejn proprji meta l-istandards ta' kontabbiltà applikabbli jippermettu r-rikonoxximent tagħhom fil-karta bilanċjali.
050	**li minnhom: bonds koperti** Il-valuri medjani tal-entrata "li minnhom: bonds koperti" kif irrappurtati fir-ringiela 050 fil-Mudell F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
060	**li minnhom: titoli garantiti b'assi** Il-valuri medjani tal-entrata "li minnhom: titoli garantiti b'assi" kif irrappurtati fir-ringiela 060 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
070	**li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi** Il-valuri medjani tal-entrata "li minnhom: maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi" kif irrappurtati fir-ringiela 070 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
080	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji** Il-valuri medjani tal-entrata "li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji" kif irrappurtati fir-ringiela 080 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
090	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji** Il-valuri medjani tal-entrata "li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji" kif irrappurtati fir-ringiela 090 fil-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
120	**Assi oħrajn** Il-valur medjan tal-assi oħra tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali għajr dawk imsemmija fir-ringieli ta' hawn fuq u differenti minn titoli ta' dejn proprju u strumenti ta' ekwità ta' dejn proprju li ma jistgħux jiġu derikonoxxuti mill-karta bilanċjali permezz ta' istituzzjoni mhux tal-IFRS. F'dan il-każ, strumenti ta' dejn proprju jkunu inklużi fir-ringiela 240 tal-Formola B u l-istrumenti ta' ekwità proprja esklużi mir-rappurtar tal-interess ta' gravami. Assi oħrajn jinkludu flus fl-idejn (iż-żamma ta' karti tal-flus u muniti nazzjonali u barranin fiċ-ċirkolazzjoni li jintużaw b'mod komuni biex isiru pagamenti), self fuq talba [IAS 1.54 (i)] li jinkludi l-bilanċi riċevibbli fuq talba f'banek ċentrali u istituzzjonijiet oħra kif irrappurtat fil-Formola 020 fil-Mudell F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Assi oħra jinkludu wkoll self u avvanzi għajr self fuq talba, inkluż self ipotekarju kif irrapportat fir-ringieli 100 u 110 tal-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Assi oħra jistgħu jinkludu wkoll assi intanġibbli, inkluż avvjament, assi ta' taxxa differiti, assi ta' proprjetà, impjanti u assi fissi oħrajn, assi derivattivi, tranżazzjonijiet ta' retroriakkwist u self bl-istokk riċevibbli. Meta assi sottostanti u assi tal-aggregazzjoni ta' kopertura ta' titoli miżmuma abbażi ta' assi (ABS) u bonds koperti huma self fuq talba jew f'forma ta' self u avvanzi oħra għajr self fuq talba, huma għandhom ukoll ikunu inklużi f'din ir-ringiela.
121	**li minnhom: …** Fejn rilevanti fil-kuntest tal-użu tagħhom ta' gravami fir-rigward tal-mudell tan-negozju tagħhom, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw separatament il-valur medjan ta' xi komponent ta' "Assi oħrajn" bħal f'ringiela "li minnhom".

Tabella 2: Struzzjonijiet rigward kolonni speċifiċi tal-Formola A

Kolonni	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
010	**Ammont riportat ta' assi gravati** Il-valur medjan tal-ammont riportat tal-assi miżmuma mill-istituzzjoni li huma gravati skont il-punt 1.7 tal-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Ammont riportat tfisser l-ammont rappurtat fin-naħa tal-assi tal-karta bilanċjali.
030	**li minnhom: EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-ammont riportat ta' assi gravati li huma nozzjonalment eliġibbli għall-kwalifika ta' assi b'likwidità għolja ħafna u kwalità kreditizja għolja ħafna (EHQLA) u assi ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għolja (HQLA). Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli huma dawk l-assi elenkati fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, li kieku ma kienx hemm l-istatus tagħhom bħala assi gravati skont l-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli se jkunu konformi wkoll mar-rekwiżiti stabbiliti speċifiċi għall-klassi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. L-ammont riportat ta' EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli jkun l-ammont riportat qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturі speċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
040	**Il-valur ġust ta' assi gravati** Il-valur medjan tal-entrata "Valur ġust għal assi gravati" kif irrappurtat fil-kolonna 040 tal-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Għal kull klassi ta' skopertura, il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa fil-kalkolu tal-medjan.

Kolonni	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
050	**li minnhom: EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-valur ġust ta' assi gravati u li huma nozzjonalment eliġibbli biex jikkwalifikaw bħala EHQLA u tal-HQLA. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli huma dawk l-assi elenkati fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, li kieku ma kienx hemm l-istatus tagħhom bħala assi gravati skont l-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli se jkunu konformi wkoll mar-rekwiżiti stabbiliti speċifiċi għall-klassi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
060	**Ammont riportat ta' assi gravati** Il-valur medjan tal-entrata "Ammont riportat għal assi mhux gravati" kif irrappurtat fil-kolonna 060 tal-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
080	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-ammont riportat ta' EHQLA u HQLA mhux gravati kif elenkati fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 ta' dak ir-Regolament Delegat. L-ammont riportat ta' EHQLA u HQLA għandu jkun l-ammont riportat qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
090	**Valur ġust ta' assi gravati** Il-valur medjan tal-entrata "Valur ġust għal assi mhux gravati" kif irrappurtat fil-kolonna 090 tal-Formola F 32.01 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Għal kull klassi ta' skopertura, il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa fil-kalkolu tal-medjan.
100	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-ammont riportat ta' EHQLA u HQLA mhux gravati kif elenkati fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 ta' dak ir-Regolament Delegat. Il-valur ġust ta' EHQLA u HQLA se jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Formola B — Kollateral irċevut

Tabella 3: Struzzjonijiet rigward ringieli speċifiċi tal-Formola B

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
130	**Kollateral irċevut mill-istituzzjoni li tirrapporta** Il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni. It-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli għandhom jiġu divulgati f'din ir-ringiela. Il-kollateral totali riċevut mill-istituzzjoni se jkun il-medjan tas-somom ta' erba' valuri fi tmiem kull tliet xhur matul it-tnax-il xahar preċedenti għar-ringieli 140 sa 160, 220 u 230.

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
140	**Self fuq talba** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi self fuq talba għandhom se jiġi divulgat f'din ir-ringiela (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
150	**Strumenti ta' ekwità** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi strumenti ta' ekwità (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 030 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
160	**Titoli ta' dejn** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi titoli ta' dejn (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 040 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
170	**li minnhom: bonds koperti** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi bonds koperti (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 050 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
180	**li minnhom: titoli garantiti b'assi** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi titoli garantiti b'assi (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 060 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
190	**li minnhom: maħruġa mill-amministrazzjonijiet pubbliċi** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn amministrazzjonijiet pubbliċi (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 070 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
200	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet finanzjarji (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 080 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
210	**li minnhom: maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi titoli ta' dejn maħruġa minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 090 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
220	**Self u ħlas bil-quddiem li ma jkunx self fuq talba** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li jinkludi self u avvanzi għajr self ieħor fuq talba (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
230	**Kollateral riċevut ieħor** Il-valur medjan ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni li tinkludi titoli assi oħrajn (ara r-referenzi legali u l-istruzzjonijiet rigward ir-ringiela 120 tal-Formola A). Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
231	**li minnhom: …** Fejn rilevanti fil-kuntest tal-użu tagħhom ta' gravami fir-rigward tal-mudell tan-negozju tagħhom, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw separatament il-valur medjan ta' xi komponent ta' "Kollateral ieħor" bħal f'ringiela dedikata "li minnhom". Dan jinkludi t-titoli kollha riċevuti minn istituzzjoni mutwatarja fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' teħid ta' self ta' titoli.
240	**Titoli ta' dejn proprji maħruġin għajr bonds proprji koperti jew titoli garantiti b'assi (ABS)** Il-valur medjan tal-entrata "Titoli ta' dejn proprji maħruġin għajr bonds proprji koperti jew ABSs" kif irrappurtat fir-ringiela 240 tal-Formola F 32.02 (AE-ASS) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
241	**Bonds proprji koperti u titoli abbażi ta' assi maħruġa u għadhom mhux mirhuna** Il-valur medjan tal-entrata "Bonds koperti proprji u titoli abbażi ta' assi maħruġa u għadhom mhux mirhuna" kif rappurtat fir-ringiela 010 tal-Formola F 32.03 (AE-NPL) tal-Anness XVI tar-Regolament (UE) Nru 680/2014. Biex jiġi evitat l-għadd doppju, japplika dan li ġej f'dak li għandu x'jaqsam ma' bonds koperti proprji u titoli abbażi ta' assi maħruġa u miżmuma mill-istituzzjoni tar-rappurtar: (a) meta dawk it-titoli jkunu mirhuna, l-ammont tal-pool ta' kopertura/tal-assi sottostanti li jsostnuhom għandu jiġi divulgat fil-formola A bħala assi gravati. Is-sors tal-finanzjament fil-każ ta' rahan ta' bonds u titoli garantiti b'assi proprji huwa t-tranżazzjoni ġdida li fiha t-titoli qed jiġu mirhuna (finanzjament mill-bank ċentrali jew tip ieħor ta' finanzjament sikur) u mhux il-ħruġ oriġinali ta' bonds koperti jew titoli garantiti b'assi. (b) meta dawk it-titoli għadhom mhux mirhuna, l-ammont tal-pool ta' kopertura/tal-assi sottostanti li qed isostnu dawk it-titoli jiġi rrappurtat fil-Formola A bħala assi mhux gravati.
250	**Assi totali, kollateral riċevut u titoli ta' dejn proprji maħruġa** L-assi kollha tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali tagħha, il-klassijiet kollha ta' kollateral riċevut mill-istituzzjoni u t-titoli ta' dejn proprji maħruġa miżmuma mill-istituzzjoni li mhumiex bonds koperti proprji maħruġa jew titoli garantiti b'assi proprji maħruġa. Din ir-ringiela hi l-medjan tas-somom ta' erba' valuri fi tmiem kull tliet xhur matul it-tnax-il xahar preċedenti għar-ringiela 010 fil-Formola A u r-ringieli 130 u 240 fil-Formola B.

Tabella 4: Struzzjonijiet rigward ringieli speċifiċi tal-Formola B

Kolonni	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
010	**Valur ġust ta' kollateral gravat irċevut jew titoli tad-dejn proprji maħruġa** Il-medjan tal-valur ġust ta' kollateral riċevut, inkluż fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' arranġamenti ta' teħid ta' self ta' titoli, jew titoli ta' dejn proprji maħruġa/miżmuma mill-istituzzjoni li huma gravati skont l-Artikolu 100 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Il-valur ġust ta' strument finanzjarju huwa l-prezz li jkun riċevut sabiex jinbiegħ assi jew li jitħallas għat-trasferiment ta' obbligazzjoni fi tranżazzjoni ordinata bejn parteċipanti fis-suq fid-data tal-kejl (ara IFRS 13 Kejl tal-Valur Ġust). Għal kull entrata ta' skopertura, il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa għall-komputazzjoni tal-medjan.

Kolonni	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
030	**li minnhom: EHQLA u HQLA huma nozzjonalment eliġibbli** Il-valur medjan tal-valur ġust ta' kollateral gravat riċevut, inkluż fi kwalunkwe tranżazzjoni ta' arranġamenti ta' teħid ta' self ta' titoli, jew titoli ta' dejn proprji maħruġa/miżmuma mill-istituzzjoni li huma nozzjonalment eliġibbli għall-kwalifikazzjoni ta' EHQLA u HQLA. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli huma entrati ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn maħruġa proprji li jinżammu/miżmumin mill-istituzzjoni elenkata fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, li kieku ma kienx hemm l-istatus tagħhom bħala assi gravati skont l-Anness XVII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli ser ikunu konformi wkoll mar-rekwiżiti stabbiliti speċifiċi għall-klassi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61. Il-valur ġust ta' EHQLA gravat nozzjonalment eliġibbli u HQLA gravat nozzjonalment eliġibbli jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.
040	**Valur ġust ta' kollateral riċevut jew titoli ta' dejn proprji maħruġa disponibbli għal gravami** Il-medjan tal-valur ġust tal-kollateral riċevut, inkluż f'arranġamenti ta' teħid ta' self ta' titoli, mill-istituzzjoni tar-rappurtar li mhuwiex gravat iżda disponibbli għal gravami minħabba li l-istituzzjoni tar-rappurtar titħalla tbigħ jew tirahnu mill-ġdid jekk ma jkunx hemm inadempjenza min-naħa tas-sid tal-kollateral. Dan jinkludi wkoll il-valur ġust ta' titoli ta' dejn proprji maħruġa, għajr bonds proprji koperti jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjonijiet li mhumiex gravati iżda disponibbli għal gravami. Għal kull entrata ta' skopertura, il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa għall-komputazzjoni tal-medjan.
060	**li minnhom: EHQLA u HQLA** Il-valur medjan tal-valur ġust tal-kollateral mhux gravat riċevut jew ta' titoli ta' dejn maħruġa proprji li jinżammu/miżmuma mill-istituzzjoni għajr bonds koperti proprji jew pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni disponibbli għal gravami li jikkwalifikaw bħala EHQLA u HQLA kif elenkati fl-Artikoli 11, 12 u 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61 u li jikkonformaw ma' rekwiżiti ġenerali u operazzjonali stabbiliti fl-Artikoli 7 u 8 ta' dak ir-Regolament Delegat, kif ukoll ir-rekwiżiti speċifiċi ta' skopertura stabbiliti fl-Artikoli 10 sa 16 u 35 sa 37 ta' dak ir-Regolament Delegat. Il-valur ġust ta' EHQLA u HQLA se jkun il-valur ġust qabel l-applikazzjoni tat-telf impost fuq il-krediturispeċifikat fl-Artikoli 10 sa 16 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/61.

Formola C — Sorsi ta' gravami

Tabella 5: Struzzjonijiet rigward ringieli speċifiċi tal-Formola C

Ringieli	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
010	**Ammont riportat ta' xi obbligazzjonijiet finanzjarji** Il-valur medjan tal-entrata "Ammont riportat għal obbligazzjonijiet finanzjarja" kif irrappurtat fir-ringiela 010 tal-Formola F 32.04 (AE-SOU) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.
011	**li minnhom: …** Fejn rilevanti fil-kuntest tal-użu tagħhom ta' gravami fir-rigward tal-mudell tan-negozju tagħhom, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw separatament il-valur medjan ta' kwalunkwe komponent ta' "Ammont riportat ta' xi obbligazzjonijiet finanzjarji" f'ringiela dedikata "li minnhom", speċjalment jekk parti mill-aggravar ta' assijiet hija assoċjata ma' obbligazzjonijiet u parti oħra ma tkunx.

Tabella 6: struzzjonijiet rigward kolonni speċifiċi tal-Formola C

Kolonni	Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet
010	**Obbligazzjonijiet mqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli mislufa** Il-valuri medjani tal-entrata "Obbligazzjonijiet imqabbla, obbligazzjonijiet kontinġenti jew titoli msellfa" kif irrappurtat fil-kolonna 010 tal-Formola F 32.04 (AE-SOU) tal-Anness XVI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014. Il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa fil-komputazzjoni tal-medjan. Obbligazzjonijiet mingħajr finanzjament assoċjat, bħal derivattivi, se jkunu inklużi.
030	**Assi, kollateral riċevut u titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u titoli garantiti b'assi gravati** L-ammont tal-assi, kollateral riċevut u titoli proprji maħruġa għajr bonds koperti u titoli garantiti b'assi li huma gravati bħala riżultat tat-tipi differenti ta' tranżazzjonijiet speċifikati rrapportati hawn. Biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-kriterji fil-Formoli A u B, l-assi tal-istituzzjoni rreġistrati fil-karta bilanċjali se jiġu divulgati fil-valur medjan tal-ammont riportat tagħhom, filwaqt li kollateral użat millġdid u t-titoli proprji gravati maħruġa għajr bonds koperti u titoli ggaranti b'assi se jiġu divulgati fil-valur medjan tal-valur ġust tagħhom. Il-valur ġust divulgat hu l-valur medjan tal-valuri ġusti differenti osservati fit-tmiem ta' kull perjodu tar-rappurtar meqjusa fil-komputazzjoni tal-medjan. Assi gravati mingħajr obbligazzjonijiet imqabbla għandhom ikunu inklużi wkoll.

Formola D — Informazzjoni narrattiva ta' akkumpanjament

Tabella 7: Struzzjonijiet speċifiċi fir-rigward l-Formola D

Ir-referenzi ġuridiċi u l-istruzzjonijiet

Sabiex titlesta l-Formola D, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija f'punti 1 u 2.

1. Informazzjoni narrattiva ġenerali dwar l-aggravar ta' assijiet, inklużi dawn li ġejjin:

   (a) spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn il-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni regolatorja użat għall-iskop tad-divulgazzjonijiet ta' aggravar ta' assijiet u l-kamp ta' applikazzjoni li jibqa' jinżamm għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-likwidità fuq bażi konsolidata kif definit fit-Tieni Parti, il-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li huwa użat biex jiddefinixxi l-eliġibbiltà tal-(E)HQLA;

   (b) spjegazzjoni ta' kwalunkwe differenza bejn, min-naħa l-waħda, assi mirhuna u assi ttrasferiti skont l-oqfsa ta' kontabbilità applikabbli u kif applikati mill-istituzzjoni u, min-naħa l-oħra, assi gravati u indikazzjoni ta' kwalunkwe trattament differenti ta' tranżazzjonijiet, bħal meta xi tranżazzjonijiet huma kkunsidrati li jwasslu għal rahan jew trasferiment ta' assi iżda mhux għal gravami tal-assi, jew viċi versa;

   (c) il-valur tal-iskopertura użat għal skopijiet ta' divulgazzjoni u spjegazzjoni ta' kif il-valuri tal-iskopertura medjani huma dderivati.

2. Informazzjoni narrattiva relatata mal-impatt fuq il-mudell ta' negozju tal-istituzzjoni u l-livell ta'gravami u l-importanza ta' gravami fuq il-mudell ta' finanzjament tal-istituzzjoni, inklużi dawn li ġejjin:

   (a) is-sorsi ewlenin u t-tipi ta' gravami, bid-dettalji, fejn applikabbli, ta' gravami minħabba attivitajiet sinifikanti ma' derivattivi, self ta' titoli, tranżazzjoni ta' riakkwist, bonds koperti u titolizzazzjoni;

   (b) l-istruttura ta' gravami bejn entitajiet fi grupp, u speċjalment jekk il-livell ta' gravami tal-grupp ikkonsolidat tinbet minn entitajiet partikolari u jekk hemmx garanzija intragrupp sinifikanti;

   (c) informazzjoni fuq sovrakollateralizzazzjoni, speċjalment fir-rigward ta' bonds koperti u titoli garantiti b'assi, u l-inċidenza ta' sovrakollateralizzazzjoni fuq il-livelli ta' interess ta' gravami;

   (d) informazzjoni addizzjonali dwar il-gravami ta' assi, kollateral u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u sorsi ta' interess ta' gravami minn kwalunkwe muniti sinifikanti għajr il-munita tar-rapportar kif imsemmi fl-Artikolu 415(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(e) deskrizzjoni ġenerali ta' proporzjon ta' entrati inklużi fil-kolonna 060 "Ammont riportat ta' assi mhux gravati" fil-Formola A tal-Anness I li l-istituzzjoni ma tqisx disponibbli għal gravami fl-andament normali tan-negozju tagħha (eż. assi intanġibbli, inkluż avvjament, assi ta' taxxa differiti, assi ta' proprjetà, impjanti u assi fissi oħrajn, assi derivattivi, tranżazzjoni ta' retroriakkwist u stokk li jislef riċevibbli);

(f) l-ammont ta' assi sottostanti u l-assi tal-pool ta' kopertura ta' titoli miżmuma abbażi ta' assi u bonds koperti, u jekk dawk l-assi sottostanti u l-assi tal-pool ta' kopertura huma gravati jew mhux gravati, flimkien mal-ammont assoċjat ta' titoli garantiti b'assi miżmuma u bonds koperti miżmumin;

(g) meta jkun rilevanti għal spjegazzjoni tal-impatt tal-mudell kummerċjali tal-istituzzjoni fuq il-livell ta' gravami, b'dettalji (inkluża informazzjoni kwantitattiva jekk tkun rilevanti) dwar kull wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) it-tipi u l-ammonti ta' assi gravati u assi mhux gravati inklużi fir-ringiela 120 tal-Formola A, fejn informazzjoni kwantitattiva għandha tiġi pprovduta fir-ringiela 121 tal-Formola A;

(ii) l-ammonti u t-tipi ta' assi gravati u entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u inklużi fir-ringiela 010 fil-Formola C li mhumiex assoċjati ma' kwalunkwe obbligazzjonijiet, fejn għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni kwantitattiva fir-ringiela 011 tal-Formola C.